


Waħda mis-snajja' li nsibu f'Malta marbuta mhux biss mal-armar, imma wkoll ma' dekorazzjoni f'diversi binjiet, djar u knejjes hija dik tal-induratura.

Is-sengħa tal-induratura twassal sabiex tarrikkixxi l-oġġett permezz tal-folja tad-deheb jew inkella permezz ta' materjali oħrajn. Ħafna jassoċjaw din is-sengħa mal-arloġġ tradizzjonali magħruf bħala tal-Lira li jżejjen diversi djar Maltin. Iżda għal dawk kollha li huma midħla tal-armar tal-festi, is-sengħa tal-induratura tfisser mezzi oħra u teknika li hija differenti għal kollox minn dik li tintuża fuq l-arloġġi.

### Il-proċess ta' preparazzjoni

L-armar fl-injam fil-festi kollu jinkludi dik l-iskultura li tagħmel l-opra waħda kompluta. Il-kwantità ta skultura tiddependi fuq jekk il-pedestall, il-kolonna jew it-trofew tkunx fuq stil Klassiku jew inkella Barokk. L-istil Barokk li kien fl-aqwa tiegħu fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann għadu popolari ferm fil-festi Maltin għaliex jagħti dik id-dehra rikka lill-armar sew jekk hu drapp u sew jekk hu njam. Hemm imbagħad stili oħra iktar klassiċi u moderni fejn bi ftit skultura fil-panewijiet, flimkien mal-isgoxxi, jagħtu dehra ta' uniformità li tpaxxi l-għajn mingħajr elaborazzjoni u lussu żejjed.

Naturalment iktar ma jkun hemm skultura iktar jidher ix-xogħol tal-induratur. Il-proċess tal-induratura jibda bħal kull proċess ieħor bl-irfinar tal-wiċċ fejn tkun sa tiġi applikata l-folja. Sabiex ir-riżultat aħħari jkun wieħed tajjeb, l-irfinar jilgħab parti ferm importanti.

Sew jekk tkun dik tad-deheb kif ukoll ta' materjal ieħor, il-wiċċ irid ikun irfinat sew, bil-passata tal-undercoat, iżda mingħajr daqqiet tal-pinzell jew frak mażżebgħa. L-iskultura tvarja minn dik tal-injam għal dik tal-fibre. F'każ li tkun tal-injam, permezz tal-istokk jew fine surface, jitmewtu l-vini tal-injam jew daqqiet. Fil-każ tal-fibre, fejn l-iskultura tinħadem billi timtela l-forma, ikun irid jitneħħa l-materjal żejjed filwaqt li bħal tal-injam, isir xkatlar fuq il-wiċċ kollu u jingħataw il-passati tal-undercoat, ġeneralment tnejn. Jekk ikun hemm il-bżonn li jimtlew xi toqob, dan isir permezz tal-hard metal.


Skultura lesta għall-induratura.

Wara li l-undercoat jinxef sewwa, il-wiċċ ikun ippreparat sabiex ikun indurat. Qabel ma jibda dan il-proċess, ġeneralment tingħata passata xilakk, li huwa lostru mħallat ma' spirtu vjola. Dan il-materjal sa narawh użat fil-final tal-proċess iktar 'il quddiem. Iżda f'dan il-każ dan jintuża sabiex il-wiċċ jinħass aktar irfinat u jservi ta' bażi aħjar għall-induratura.

Jeżisti materjal differenti li jintuża għall-induratura. Il-materjal ikun jikkonsisti f'folji rqaq, ġewwa libretti, kull wieħed ikun fih 25 folja l-waħda. Il-folja tad-deheb hija l-iktar waħda delikata u li tqum il-flus. Il-grad tad-deheb f' kull folja jibda minn 14-il karat u jibqa' tiela' sa 24 karat. Iktar ma l-grad ikun għoli, iktar il-folja jkun fiha livell ta' deheb u allura iktar tkun tidher skura. Bħalma jogħla l-grad, jogħla wkoll il-valur tal-librett.

Ta' min wieħed isemmi li folji tad-deheb bi gradi għoljin huma tajbin għall-barra, filwaqt li dawk baxxi, huma aktar adatti sabiex jintużaw fuq ġewwa. Dan għaliex il-folja bi grad għoli ta' deheb tkun tiflaħ aktar għall-elementi.



**Il-murdent applikat fuq l-iskultura sabiex tkun indurata.**

It-teknika li tintuża għall-induratura fuq barra hija dik magħrufa aħjar bħala bil-murdent. Il-murdent huwa taħlita ta' żebgħa, żejt tal-kittien (lindseed oil) u verniċ. Flimkien, dawn jagħmlu taħlita ta' żebgħa li ġeneralment tkun ta' kulur isfar; din tkun applikata fuq il-wiċċ li jrid ikun indurat.

Id-differenza minn żebgħa komuni hija li din it-taħlita tippermetti lill-induratur żmien sabiex iż-żebgħa toqgħod u tkun tajba sabiex magħha teħel il-folja. Iż-żebgħa ma tridx tkun twaħħal ħafna iżda biżżejjed sabiex il-folja teħel tajjeb u tinħadem tajjeb. Il-kelma Ingliża li tispjega tajjeb dan hija *tacky*.

Meta l-wiċċ ikun tajjeb għall-induratura, il-folja tibda titpoġġa waħda fejn waħda sabiex jinkesa l-wiċċ kollu.

Hawnhekk ukoll tidħol it-teknika, fejn wieħed irid joqgħod attent li:

1. Ma jħallix spazju bejn folja u oħra, anzi l-folja trid titrikkeb ftit waħda fuq l-oħra.
2. Li wieħed irid ikun ċert li l-ewwel jinkesa l-wiċċ kollu bil-folja u fejn ma jitħallewx spazji mingħajr folja.
3. Li l-proċess kollu jrid jsir fi spazju nadif, 'il bogħod mit-trab u fil-magħluq. Dan għaliex bi ftit riħ, il-folja ttir u ma tibqax tajba sabiex tinħadem għax issir frak.

## L-għodda

Forsi wieħed jaħseb li l-proċess sabiex il-folja titwaħħal mal-wiċċ bil-murdent huwa wieħed faċli. Iżda dan mhux minnu. Hemm ċerti għodod li jridu jintużaw sabiex isir dan il-proċess u dawn huma:


L-għodda prinċipali li tintuża għall-induratura bil-murdent.

**Il-kuxxinett** – injama miksija bil-ġilda u pannu li fuqha titpoġġa l-folja sabiex tinqata' għad-daqs meħtieġ.

**Is-sikkina** – din tkun mingħajr snien iżda msinna ftit fix-xifer tagħha, biżżejjed sabiex tinqata' l-folja, imma mingħajr ma tqatta' l-kuxxinett u tfarrak il-folja. Il-qtugħ tal-folja jrid isir bil-galbu sabiex din tibqa' sħiħa fuq il-kuxxinett u sabiex tinqata' b'mod pulit.

**Il-pannelliza** – Din hija bħall-pinzell magħmul minn xagħar fin ħafna u jintuża sabiex tinqabad il-folja tad-deheb u titpoġġa fuq il-wiċċ bil-murdent mingħajr ma tintmiss bl-idejn.

**It-tajjar** – Dan jintuża sabiex tingħafas il-folja biex teħel mal-murdent u tkun illustrata għad-dehra aħħarija.

Il-proċess jirrikjedi paċenzja kbira u għodda adattata. Mingħajr dawn it-tnejn, din is-sengħa ma tistax tkun ipprattikata. Flimkien ma' dawn, tgħin ħafna t-teknika li jkollu l-induratur li jkun dara jaħdem biha matul is-snin. Insemmu pereżempju it-taħlita tal-murdent li ssir b' tali mod li l-induratur tagħtih il-ħin li jixtieq hu meta jindura. Iktar ma jkun fiha żejt tal-kittien, aktar it-taħlita ħa ddum biex tinxef. Dan l-element ikun ibbilanċjat biż-żebgħa u l-verniċ li jgħaġġel il-proċess tal-inxif.





Parti mill-programm NISTA kien l-involviment tal-membri żgħażagħ fil-prattika tas-snajja' tradizzjonali li huma marbuta mal-armar. Dawn ir-ritratti juri sessjonijiet ta' taħriġ li saru għal dan il-għan.


SIER
L-
PAR
OĊĊA




Eminence

Teknika oħra importanti hija l-mod ta' kif tinqabad il-folja. Fejn jidħol imitation gold jew aluminju, dawn jistgħu jinqabdu bit-tajjara u saħansitra bl-idejn. Dan għaliex il-folja tkun kemxejn ħoxna li tippermetti li din tinqabad b' mod ġentili bl-idejn. Fejn jidħol id-deheb, din tinqabad bil-pannelliza għaliex il-folja tant tkun irqiqa li taqbad mal-ġilda. Sabiex il-folja tinqabad sewwa, il-pannelliza tintmiss mal-leħja jew mal-wiċċ tal-induratur.

L-aktar teknika li tħalli effett hija kemm l-induratur jirnexxilu jimla sew il-partijiet kollha mingħajr ma jħalli partijiet miż-żebgħa ta' taħt jidhru. Dan huwa frott il-galbu li wieħed jaħdem bih u li jwasal għar-riżultat mixtieq.

## Ix-xilakk

Dan il-materjal semmejnih fil-bidu ta' din il-kitba u jikkonsisti fi qxur ta' nsett imsejjaħ **lac Bug** li jabita fuq is-siġar fil-foresti tal-Indja u t-Tajlandja.

Dan jinxtara fi qxur niexef u jkun dissolut bl-ispirtu vjola. Il-likwidu jkun imbagħad applikat fuq il-folja tal-aluminju sabiex tingħata dehra tad-deheb. Wieħed irid iżomm f'moħħu li dan il-likwidu jinxef malajr; allura meta applikat, irid ikun aċċertat li l-pinzell ikun fin apposta sabiex il-pinzellati jingħataw b'mod meqjus u mingħajr daqqiet. Ikunu meħtieġa minn tal-inqas erba' passati xilakk. Naturalment, dan jiddependi wkoll minn kemm it-taħlita jkollha spirtu.

Huwa rakkomandat li x-xilakk ma jitħallatx bi ftit spirtu għaliex inkella l-wiċċ fejn ikun applikat jiġi ħamrani u jitlef il-kulur dehbieni.



Pumi tal-bandalori indurati bl-aluminium u lesti biex jingħataw ix-xilakk.

Bħalma diġà semmejna, ix-xilakk jintuża wkoll qabel ma tibda l-induratura fejn meta applikat fuq iż-żebgħa undercoat, dan iwassal sabiex il-wiċċ ikun aktar irfinut.

Fejn tidħol l-induratura tad-deheb, ma jiġix applikat xilakk fuq il-folja, iżda fiż-żewġ każi, jiġifieri sew fuq il-folja tad-deheb, kif ukoll fuq il-folja tal-aluminju jew imitation gold, jiġi applikat il-verniċ fl-aħħar sabiex jgħin biex jippreserva l-folja mill-elementi.



Induratura tad-deheb bil-metodu tal-murdent.

## Wara l-induratura x'jiġri?

Meta jitlesta l-proċess tal-induratura, l-uċuh jerġgħu jitgħaddew bit-tajjar nadif u jibda dak tal-isfumar. Għal dan il-proċess, tintuża żebgħa acrylic b' taħlita ta' kannella u aħmar. L-isem ta' din iż-żebgħa huwa *burnt sienna* li titħallat ma' burnt *amber*, fejn l-iskultura tingħata d-dellijiet sabiex joħorġu aktar id-dettalji tal-istess skultura. Iż-żebgħa tal-isfumar tista' wkoll titħallat b'taħlita ta' żebgħa kannella fl-aħmar mħallta ma' ftit żejt tal-kittien u ftit spirtu abjad (white spirit).

Meta l-isfumar jitlesta, nistgħu ngħidu li l-proċess kollu jiġi fi tmiemu bil-verniċ. Tajjeb li wieħed isemmi, li meta oġġett ikun espost għall-elementi, dan ikun irid jiġi mantenut.

Fil-fatt kull tant żmien, fuq skultura indurata bl-aluminium leaf, jerġa' jiġi applikat ix-xilakk, filwaqt li għall-induratura tad-deheb, ikun applikat il-verniċ. Dan sabiex fiż-żewġ każi, il-folja tibqa' dejjem intatta.

## Il-materjal użat

**Folja tal-aluminju jew imitation gold (libretti ta' 25 folja l-waħda)**

**Kuxxinett u sikkina sabiex tinqata' l-folja (jinxtraw minn ħwienet tal-artiġjanat)**

**Xilakk (jinxtara fi qxur bil-kilo mingħand numru ta' ħwienet taż-żebgħa)**

**Bott żebgħa kulur isfar (oil base)**

**Żejt tal-kittien (lindseed oil)**

**Bott verniċ (clear gloss)**

**Tajjar**

**Spirtu vjola**

## Il-metodu fil-qosor

L-ewwel jitħallat il-murdent. Hawnhekk jintuża kejl fuq il-važett fejn dan jinqasam f'erba' partijiet. L-ewwel parti timtela biż-żejt tal-kittien, fit-tieni, tielet u r-raba parti jimtlew bil-verniċ, filwaqt li l-aħħar parti titferra' ż-żebgħa. Iż-żebgħa tiġi mħawda sewwa u tkun applikata fuq il-wicc li sa jiġi indurat.

Meta ż-żebgħa tkun kważi niexfa u tajba għall-induratura, tibda titpoġġa l-folja bil-galbu. Fuq il-kuxxinett, il-folja tinqata' biċċiet bid-daqs meħtieġ u titpoġġa fuq il-wiċċ bil-murdent. Meta jinksew il-partijiet kollha, permezz tat-tajjara, titneħħa l-folja żejda u fl-istess ħin il-folja tkun illustrata u tiġi tleqq u teħel maż-żebgħa.

Flimkien ma' dan il-proċess jitħallat ix-xilakk f'važett u miegħu jitferra' l-ispirtu vjola sal-livell tal-qxur. Dan jitħalla ġurnata sabiex dan jinħall. Meta jinħall, ikunu applikati madwar erba' passati fuq il-wiċċ indurat bl-aluminium leaf.

Fl-aħħar, l-induratura tingħata l-verniċ sabiex tkun protetta mill-elementi.